MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 14/2008/1

**Julius Sciberras (ID 384555M u Carmen Sciberras (ID 559055M) 155, Triq it-Tarzna, Tarxien PLA1120**

**VS**

**Kishichand Mohnani (ID 2016317P) Mohan's, Republic Street, Valletta**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tat-8 ta'Jannar 2008, li jaqra hekk:

*"Illi bi skrittura privata ta' 1-1 ta' Jannar, 200l, iffirmata mill-attur Julius Sciberras u l konvenut Mohnani u kontro-iffirmata minn bint il-konvenut Natasha Mohnani, li qeghda tigi*

*hawn esebita u mmarkata bhala Dokument JS1 l-imsemmi konvenut ikkostitwixxa ruhu kreditur ta' l-atturi fis-somma ta' Lm54,307 ekwivalenti ghal €26,501.28 oltre' l-imghaxx legali mill-1 ta' Jannar, 200l, liema somma kellha tithallas mill-konvenut sa1-31 ta'Dicembru, 2002.*

*Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimat diversi drabi biex ihallas is-somma fuq imsemmija oltre' l-imghaxx legali, pero' baqgha inadempjenti.*

*Illi b'ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 2007, ir-rrkorrenti interpellaw lill-konvenut intimat biex ihallas din is-somma, pero' baqa' ukoll inadempjenti*

*Illi l-intimat qed jirrifjuta li jhallas lir-rikorrenti s-somma minnu dovuta u li taghha kkostitwixxa lilu nnifsu bhala debitur u dana ghall-ebda raguni valida fil-ligi.*

*Illi fuq dik is-somma, mid-data ta' meta l-ammont gie dovut u cioe' sal-31 ta' Dicembru, 2002, l-intimat la hallas imghaxxijiet bit-8% u. lanqas xejn mill-kapital.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti dan l-ammont huwa wiehed cert likwidu u skadut u l-intimat m ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissolleva ghat-talbiet rikorrenti.*

*Jghid l-intimat ghar-ragunijiet premessi u dawn li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u dispensat mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghaliex m'ghandhiex dina 1-Onorabbli Qorti:*

*1. Tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €126,501 .28 ekwivalenti ghal Lm54,307 minnu dovuti lir- rikorrenti kif fuq intqal, oltre' l-imghaxx legali mill- 1 ta' Jannar, 2001 u dan skond skrittura ta' 1- 1 ta' Jannar, 2001, li kopja*
*taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JS1.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-l2 ta' Dicembru, 2007 u tal-mandat ta' sekwestru nru: mahrug kontestwalment mar-Rikors Guramentat odjern u bl-ingunzjoni ta' 1-intimat konvenut ghas- subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotorju;

Rat illi ir-rikors promotorju u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill- intimat;

Rat id-digriet ta din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta' Frar 2008 illi bih il-konvenut gie akkordat terminu sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu – vide fol. 10;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Kishichand Mohnani tat-8 ta' Frar 2008 li taqra hekk:

*"1. Illi in linea preliminari,l-azzjoni talvolta spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas tal-flus mislufa lill-eccipient iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili stante li l-kreditu ma jirrizultax minn Att Pubbliku.*

*2. Illi ukoll,preliminarjament l-azzjoni talvolta spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas tal-imghaxijiet li talvolta ddekorrew fuq il-kapital misluf lill-eccipient iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artiklu 2156(d) tal-Kodici Civili.*

*3. Illi ukoll in via preliminari izda minghajr pregudizzju ghall-premess l-irritwalita' tal-azzjoni odierna tar-rikorrenti stante li mart r-rikorrent qatt ma rratifikat s-self in kwistjoni effettwat minn zewgha u konsegwentement m'ghandiex locus standi f'dan il-gudizzju.*

*4. Illi subordinatament fil-mertu l-iskrittura tal-1 ta' Jannar 2001 hija sostantivament nulla billi l-esponent ma kienx iffirma l-ewwel parti tal-iskrittura in kwistjoni intenzjonalment kif jirrizulta mill-iskrittura riferita esebita in atti. In effetti wara li l-eccipient kien rrediga l-iskrittura in parola huwa kien biddel l-intenzjoni tieghu li jiffirma dan il-kuntratt integralment b'mod li l-kunsens kuntrattwali tieghu relativa ghal dina l-iskrittura kien inesistenti. Billi l-eccipient ma ffirmax l-iskrittura in kwistjoni b'mod integrali l-istess hija formalment nulla.*

*5 Illi anchorche' li l-azzjoni tar-rikorrenti ma ddekadietx bil-presekrizzjoni u li l-iskrittura riferita hija sostantivament u formalment valida b'mod li huma krendituri tal-*

*esponent, l-kreditu pretiz mhux kollu dovut stante li l-kreditu pretiz mir-rikorrenti jinkludi imghaxijiet komposti komputati bit-tlettax fil-mija fis-sena kif jirrizulta mill-iskrittura esebita fl-atti processwali u in oltre l-eccipient diga' hallas lir-rikorrenti imghaxijiet komposti bl-istess rata mill-1991 inkorporati kif kienu fl-akkonti li huwa hallas lir-rikorrenti periodikament, liema imghaxijiet imhallsa b'usura ghandhom jigu kompensati mal-kreditu talvolta spettanti lill-atturi.*

*5. Salvi eccezzjanijiet ohra."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni tal-Qorti Civili Prim Awla deciza fis-6 t'Ottubru 2008, fl-ismijiet Julius Sciberras u Carmen Sciberras vs Kishichand Mohnani;

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell deciza fl-24 ta'Frar 2012, fl-ismijiet Julius Sciberras u Carmen Sciberras vs Kishichand Mohnani;

Rat id-digriet tat-30 t'April 2012 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil lil Espert Komputista Patrick Dato Mallia (a fol.117);

Rat id-digriet tas-17 t'April 2013 fejn il-Qorti issostitwiet l-inkarigu moghti lil Patrick Dato Mallia, bl-accountant Kevin Mahoney fl-istess inkarigu moghti ta' Espert Komputista (a fol.122);

Rat ir-rapport minnu prezentat fil-11 ta'Settembru 2013 u mahluf fil-24 t'Ottubru 2013 (a fol. 131 et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta'April 2014 (a fol.160 et seq) ;

Rat in-nota responsiva ta' Julius Sciberras et tal-15 t' April 2014 (a fol.164 et seq);

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-7 ta'Lulju 2014;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-kawza odjerna giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta wara s-sentenza tal-Qorti tal-appell, deciza fid-29 ta'Novembru 2011 illi fiha l-istess Qorti tal-Appell irriteniet:

> ***"Dan id-dokument, li skont l-appellant (u f'dan mhux kontradett mill-appellat), huwa miktub mill-istess appellat jidher car li l-ammont ta' Lm54,307 li jissemma fir-rikors promotur, jinkludi mhux biss kapital misluf izda imghax kompost – xahar b'xahar – bir-rata ta' 13 fil-mija fis-sena.***
>
> ***Dan ifisser li, kif sewwa qed jissottometti l-appellant, l-ammont indikat fl-iskrittura tal-1 ta' Jannar, 2001 mhux kollu dovut billi l-imghax komputat kien illegali. Hemm suspett ukoll li, fis-snin precedenti, kien jigri l-istess haga u kull skrittura li kienet issir fl-ewwel tas-sena kienet tinkorpora l-uzura u imghax kompost.***
>
> ***Dan iwassal lil din il-Qorti biex tiddikjara s-sentenza tal-prim istanza bhala nulla billi bbazata fuq konsiderazzjonijiet mhux sewwa inkwantu dik il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-aspetti naxxenti mill-hames eccezzjoni sollevata mill-intimat fejn gew sollevati fatturi liper se huma illegali u li kwindi qatt ma setghu jifformaw bazi tal-azzjoni.***
>
> ***B'dan kollu, din il-Qorti terga' tirrimetti l-process lill-ewwel Onorabbli Qorti biex, isir ezercizzju dettaljat u akkurat bl-assistenza ta' espert komputista, mahtur appozitament biex jezamina r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti ta' kreditur u debitur sa mill-1998. Dan ghandu jirrelata dwar il-bilanc, jekk***

***hemm, dovut lill-attur liema bilanc ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-ammonti mislufa mill-attur u l-pagamenti maghmula mill-intimat u dan wara li jinhadem limghax legali semplici ta' 8%. Dik il-Qorti imbaghad ghandha tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba attrici tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.***

***Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi milqugh fissens li s-sentenza qed tigi dikjarata nulla ghal kull fini ueffett tal-ligi ghar-ragunijiet fuq moghtija. Tordna li l-atti jintbghatu quddiem l-ewwel Qorti biex dik il-Qorti tipprocedi kif fuq inghad. L-ispejjez, kemm dawk in prim istanzi kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom fic-cirkostanzi, ikunu a karigu tal-intimat appellant billi naqas jipproduci l-provi mehtiega "a tempo debito" u bhala konsegwenza kien il-kawza ta' spejjez zejda.***

Fit-termini tas-sentenza fuq citata il-Qorti innominat lil perit komputista Kevin Mahoney li ezebixxa u halef ir-rapport tieghu Dok. KM skond il-ligi. – vide rapport perital a fol. 131 sa 149.

Mix-xhieda prodotta f'dawn il-proceduri jirrizulta illi permezz tal-iskrittura privata Dok. JS1 a fol 4 l-attur u l-konvenut irredigu kostituzzjoni ta' debitu fil-konfront tal-intimat fis-somma ta' LM 54,307, somma mislufa lill-attur mill-konvenut, liema somma skond l-attur il-konvenut baqa' persistentement jonqos milli jhallas. – Vide fol. 19 tal-process affidavit ta' Julius Sciberras.

Din l-iskrittura miktuba  bil-kalegrafija tal-intimat giet ffirmata minnu u minn bintu, u l-intimat dejjem tenna illi kellu jaghti din is-somma flus.

Jirrizulta ampjament illi f'din l-iskrittura a fol. 5, hemm indikat f'Klawsola numru 3 illi l-interessi ghal dan is-self kienu bi 13% per annum. – Vide ukoll xhieda tal-konvneut Kishichand Mohnani a fol. 23 u 24 tal-process.

Mix-xhieda ta' Dr. Edward Debono vide fol. 27 et seq, jirrizulta illi l-intimat kien iltaqa' mieghu diversi drabi u dejjem kien itenni illi kellu jaghti lill-attur u dana sas-sena 2004, izda l-intimat ma xtaqx illi jirrediga l-iskrittura iffirmata f'kuntratt formali quddiem in-Nutar.

Minkejja dan dawn il-promessi l-intimat baqa' ma hallasx.

Minn naha tieghu l-intimat xhed illi kien minnu illi r-rikorrenti kien sellfu l-flus u kienu irredigu skrittura. Fis-sena 2001 l-intimat xhed illi l-partijiet keinu iffirmaw skrittura ohra fejn hassru d-dejn li kien hemm qabel u ftehmu mill-gdid fuq l-ammont li kien dovut sa dakinhar bl-imghax b'kollox, u cioe' bit-13% interessi. Wara dina l-iskrittura l-intimat xhed illi ma hallasx xejn aktar u li l-ahhar pagament li kien ghamel kien fin-1999. Mit 2001 sat 2007 l-intimat isostni illi ma rceva ebda att gudizzjarju.

L-intimat kompla jsostni illi fl-ewwel parti tal-iskrittura Dok. JS1 (vide fol 4 sa 6), ma tidhirx il-firma tieghu u dana 'l ghaliex ma kienx *'happy'* ghax l-imghax kien wisq. F'dik l-ewwel parti tal-iskrittura jirrizulta il-firma tar-rikorrenti.

L-intimat xhed illi huwa ffirma biss fl-ahhar ta' l-iskrittura ' l ghaliex jaccetta li kellu jaghti l-flus u li dawn ma kienux thallsu fi zmien lilu moghti.

Mistoqsi jekk qatt qalx lir-rikorrent li m'ghandux jaghtih, wiegeb: " *Qatt m'ghidtlu xejn, qatt ma tkellimna fuqha. Qatt m'ghidtlu li m'ghandix naghtihomlu, li mhux ser naghtihomlu, u qatt m'ghidtlu li ha naghtihomlu'*.- Vide fol. 24 tal-process.

Meta rega' xehed in kontroezami, wiegeb li ' *veru li lill-avukat Debono jien kont ghidtlu li ha nhallsu. Tul dawn il-hames snin lil Dr Debono ma kontx nghidlu li ser inhallsu. Ma niftakarx li kont ghidt lis-Sur Sciberras fil-presenza ta' Dr.Debono li kont ser inhallsu.'*- Vide fol. 29 tal-process.

Natasha Mohnani, bint l-intimat, a fol. 25 permezz t'affidavit xehdet illi hija kienet tahdem ma missierha minn mindu kellha tmintax-il sena u ghaldaqstant kienet taf illi l-attur kien sellef il-flus lil missierha. Hija affermat illi l-imghaxijiet mitluba mill-attur kienu bl-uzura. Tghid li meta missierha ffirma l-iskrittura tat 2001, hu kien iffirma t-tieni parti, izda kien indeciz jekk kienx lest li jiffirma l-ewwel parti billi kien iddejjaq ihallas l-imghax bl-uzura. Hi ffirma fl-ahhar ta' tali iskrittura. Nathasha Mohnani tafferma illi r-rikorrenti kien baghat biss l-ittra ufficjali f' Dicembru 2007. Hija kompliet tghid li qatt ma semghet lil missierha jiddikjara fil-prezenta tal-mara tar-rikorrenti li kellu jghati il-flus lill-istess rikorrenti.

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit komputista Kevin Mahoney, taddotthom u taghmilhom taghha hlief ghal komputazzjoni tieghu tal-imghax mis-sena 1998, stante li t-talba tar-rikorrenti hija ghall-imghax legali mill-1 ta'Jannar 2001.

**Ikkonsidrat:**

L-intimat issoleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghal talba tal-hlas tal-flus mislufa u l-hlas tal-imghaxijiet mitluba fis-sens li t-talba iddekadiet bil-preskrizzjoni ta' hames snin, ai termini ta' l-Artiklu 2156(e) u (d) tal-Kodici Civili u dan 'l ghaliex li l-kreditu ma jirrizultax minn Att Pubbliku.

Illi skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, meta d-debitur jammetti li ghandu jaghti lill-attur, dan ifisser, rinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni. (Vide sentenzi fl-ismijiet **Sammut vs Grima** Vol 38 part 3 pag 688;**Casha vs Micallef** Vol XL p1 p306; Vol LX1X p3 p 441; u l-awturi **Troplong** Prescrizione No 67, **Aubrey et Rau** V111 para 776)

Il-Qorti taghraf illi r-rikonoxximent tad-dejn ghall-iskop ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni,tigi ankrata bil-konkors tar-rekwiziti hawn indikati:
(a) il-volontarjeta`;
(b) ix-xjenza tad-debitu mill-konvenut;
(c) l-inekwivocita` u
**(d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont** (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; **"Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe",** Appell, 5 ta' Ottubru 1998). **Cassar vs Muscat** 28t'April 2004 1230/1997).

Ma hemm ebda interruzzjoni ta' preskrizzjoni meta t-trattativi jsiru bla pregudizzju. Trattativi mizmuma pendente lite, intizi biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il- kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju

Fil-kaz in ezami r-rikorrent jsostni li l-intimat dejjem kien jitolbu biex jaghtih aktar zmien biex ikun jista' jhallas u qatt ma cahad li ghandhu jaghtih. Fil-prezenza ta' Dr.Edward Debono l-intimat rega' tenna li kellu jaghti s-somma mislufa pero' naqas milli jaghmel dan minkejja l-promessi tieghu.

Dr.Edward Debono ikkonferma li l-intimat kien qallu **kemm il-darba** li kellu jhallas lir-rikorrent u accetta li s-somma kienet dovuta, izda ma riedtx illi din is-somma tigi redatta f'kuntratt quddiem Nutar.

Min-naha tieghu l-intimat xhed b'mod l-aktar inkonsistenti u filwaqt illi f'mument wiehed xhed li hu qatt ma qallu xejn lir-rikorrent, u li ma qallux li ghandu jaghtihomlu, in kontro ezami xhed : "*veru li lill- Avukat Debono jien kont ghidtlu li ha nhallsu".* Izda mbaghad ighid li *"Tul dawn il-hames snin lil Dr Debono ma kontx nghidlu li ser inhallsu".* Izda ma ftakarx li kien qal lis-Sur Sciberras fil-presenza ta' Dr.Debono li kien ser inhallsu.'

Ghalhekk il-Qorti taghraf li effettivament l-intimat qatt ma cahad li ghandu jaghti s-somma mitluba mir-rikorrent u li l-intimat kien ighid lir-rikorrent biex jaghtih aktar zmien biex ikun jista' jhallas. Dan ikkonfermah ukoll Dr.Debono fix-xhieda tieghu. Ghalhekk anke mill-istess xhieda ta' l-intimat mhiex eskluza l-versjoni li taw ir-rikorrent u Dr.Debono.

Fin-nota t'eccezzjonijiet tieghu l-intimat issoleva l-eccezzjoni li l-iskrittura tal 1 ta' Jannar 2001 kienet nulla billi hu ma kienx iffirma l-ewwel parti ta' l-iskrittura in kwistjoni intenzjonalment. Hu ighid li r-rikorrent kien silfu flus u kienu ghamlu dina l-iskrittura fejn hassru d-dejn li kien hemm qabel u ftehmu mill-gdid fuq l-ammont li kien dovut sa dakinhar bl-imghax li kellu jibda' jiddekorri bit 13 fil-mija. Fl-iskrittura, fl-ewwel parti fejn hemm il-firma tar-rikorrent pero' ma hemmx il-firma tieghu billi ma kienx '*happy'* minhabba l-imghax li kien gholi wisq. Imbaghad iffirma fl-ahhar ta' l-iskrittura.

Illi mill-ezami ta' dina l-iskrittura jirrizulta li fl-ewwel parti kull ma hemm hu li dak id-dokument kien l-uniku wiehed li kellu jorbot lill-partijiet u li c-cheques u dokumenti ta' qabel favur ir-rikorrenti kienu kkancellati. Imkien ma jissemma l-imghax, ghalhekk dak li qal l-intimat li ma ffirmax l-ewwel parti minhabba l-imghax ma' taghmilx sens. Jirrizulta li l-iskrittura kien kitibha l-istess intimat bil-kalegrafija tieghu u hadd ma sfurzah biex jiffirmaha. Hu ffirma fl-ahhar ta' dina l-iskrittura ghalhekk hu kien qed jissottoskrivi ghall dik l-iskrittura f'interjerta' taghha u accettaha kollha.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-tielet eccezzjoni dwar l-irritwalita' tal-azzjoni stante li mart ir-rikorrent qatt ma rratifikat is-self in kwistjoni u ghalhekk m'ghandhiex *locus standi* f'dan il-gudizzju.

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta li mart ir-rikorrent kienet taf bis-self li zewgha kien ghamel lill-intimat u bhala martu ghalhekk ghandha *locus standi* f'dina l-kawza minhabba sehemha fil-kommunjoni ta' l-akkwisti. Dana apparti l-fatt li semai tali rritwalita' kellha tigi mqajma minnha u mhux minn terza persuna – l-intimat.

Il-Qorti taghmel accenn ghall-Artikolu **1852. tal-Kapitolu 16 li jipprovdi:**

> ***(1) L-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.***
>
> ***(2) L-imghax miftiehem f'izjed minn daqshekk jigi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.***
>
> ***(3) Jekk ikun gie mhallas imghax izjed minn dak li taghti l-ligi, iz-zejjed jinqata' mill-kapital.***

**Ikkonsidrat:**

Illi ghar-rigward il-kwantum tas-somma mislufa mir-rikorrenti lill-intimat, jirrizulta illi l-attur kien qed jippretendi li jithallas mhux biss il-kapital misluf lil konvenut, izda ukoll dan il-kapital b'interessi bi tlettax fil-mija mahduma b'imghax kompost. Illi ghalhekk fis-sentenza li giet annullata mill-Qorti tal-Appell, kien gie identifikat illi l-bilanc ta' Lm54,307 fil-31 Dicembru 2000 jikkombaci mal-valur moghti fix-xhieda tal-attur (Vide Tabella D tar-rapport tal-perit komputista).

Dan l-istess bilanc ta' Lm 54,307 kien jaqbel ukoll mal-iskrittura privata li giet iffirmata mill-attur Julius Sciberras, il-konvenut Kishichand Mohnani kif ukoll bint il-konvenut, Natasha Mohnani. **Dan juri li l-imghax li gie mizjud, meta jitqiesu in-numru ta'granet f'kull perijodu, kien dejjem ekwivalenti ghall-13% fis-sena.**

**Il-bilanc dovut kien jigi mizjud bl-imghax u ghalhekk johrog car il-fatt li kien qieghed jigi kkalkulat fuq imghax kompost.**

Ma nstabet l-ebda spjegazzjoni ghall-aggustament ta' Lm 34.40 fil- 31 ta' Dicembru 2000.

Dan kien l-isfond tas-sentenza tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2011u l-istruzzjoni ta' dik il-Qorti sabiex din il-Qorti tinkariga perit komputista.

Jirrizulta mir-rapport tal-perit komputista **illi l-konvenut Kishichand Mohnani effetivament kellu jaghti lill-attur fl-1 ta'Jannar 1998 is-somma ta' Lm37,555**.

Minhabba illi ma kienx possibbli ghal perit komputista li jezamina l-kompozizzjoni tal-bilanc minghajr ma jezamina b'mod dettaljat, ir-relazzjonijiet ta' bejn il- kontendenti **qabel is-sena 1998**, il-Qorti tiqs illi l-bilanc fil-bidu tal-1 ta'Jannar 1998 ghandu jitqies bhala "l-kapital principali" li fuqu ghandu jigi kkalkulat l-imghax. Illi jirrizulta ukoll mill-evidenza prodotta fil-kaz in ezami illi hemm qbil bejn il-partijiet ghar-rigward ta' din is-somma.

Infatti t-tabella hawn taht indikata turi il-kalkoli mahduma mill-perit komputista bl-imghax semplici mahduma b'imghax semplici ta' 8% ghal-konkluzjonijiet tieghu.

**Tabella E**

KAPITAL IMGHAX TOTALI

| Data | Zieda fil-Kapital | Kapital Imhallas | Bilanc tal-Kapital | Granet | Imghax ghall Perijodu | Imghax Imhallas | Bilanc tal-Imghax | Pagamenti Totali | Bilanc Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1-Jan-98 | Lm<br>- | Lm<br>- | Lm<br>37,555.00 | | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm<br>37,555.00 |
| 31-Dec-98 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 3,004.40 | - | 40,559.40 |
| 31-Dic-99 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 6,008.80 | - | 43,563.80 |
| 07-Set-00 | - | - | 37,555.00 | 251 | 2,060.39 | 500.00 | 7,569.19 | 500.00 | 45,124.19 |
| 01-Dic-00 | - | - | 37,555.00 | 85 | 697.74 | 500.00 | 7,766.93 | 500.00 | 45,321.93 |
| 31-Dic-00 | - | - | 37,555.00 | 30 | 246.26 | - | 8,013.19 | - | 45,568.19 |
| 31-Dic-01 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 11,017.59 | - | 48,572.59 |
| 31-Dic-02 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 14,021.99 | - | 51,576.99 |
| 31-Dic-03 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 17,026.39 | - | 54,581.39 |
| 31-Dic-04 | - | - | 37,555.00 | 366 | 3,004.40 | - | 20,030.79 | - | 57,585.79 |
| 31-Dic-05 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 23,035.19 | - | 60,590.19 |
| 31-Dic-06 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 26,039.59 | - | 63,594.59 |
| 31-Dic-07 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 29,043.99 | - | 66,598.99 |
| 31-Dic-08 | - | - | 37,555.00 | 366 | 3,004.40 | - | 32,048.39 | - | 69,603.39 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31-Dic-09 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 35,052.79 | - | 72,607.79 |
| 31-Dic-10 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 38,057.19 | - | 75,612.19 |
| 31-Dic-11 | - | - | 37,555.00 | 365 | 3,004.40 | - | 41,061.59 | - | 78,616.59 |
| 31-Dic-12 | - | - | 37,555.00 | 366 | 3,004.40 | - | 44,065.99 | - | 81,620.99 |
| 30-Gun-13 | - | - | 37,555.00 | 181 | 1,489.85 | - | 45,555.84 | - | 83,110.84 |

Total Imghax 46.555.84

Kif jirrizulta mill-provi u l-konkluzzjonijiet tal-perit komputista l-intimat bejn is-sena 1998 sal-llum ghamel zewg pagamenti indikati hawn taht:

| Data | Ammont Tal-Pagament Lm |
|---|---|
| 7 ta’ Settembru 2000 | 500.00 |
| 1 ta’ Dicembru 2000 | 500.00 |

ll-bilanc dovut fl-1 ta'Jannar 1998, u cioe’ Lm 37,555, huwa mehud mill-komputazzjonijietipprezentati mill-konvenut (ara paragrafu 8 tar-rapport tal-perit komputista  u Tabella B), fejn huwa anki deskritt bhala "kapital";

Il-Qorti tqis illi ma tressqu ebda prova illi turi illi b’xi mod li sar iktar self mill-attur lill-konvenut matul dan il-perijodu in ezami.

Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet mfissra fir-rapport tal-perti komputista il-bilanc fl-1 ta' Jannar 1998 huwa Lm 37,555.

L-imghax li gie kkalkulat mill-perit komputista kien bir-rata ta' 8% fis-sena u dana naturalment bl-imghax semplici u mhux kompost.

Dawk il-pagamenti li jirrizultaw li saru matul il-perijodu mill-1998 'l quddiem ser jigu mnaqqsa mill-bilanc dovut. Peress illi ma jidhirx li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet dwar kif jigu allokati pagamenti tal-konvenut lill-attur, u in vista tal-imghaxijiet illegali illi kien qed jippretendi l-attur,  il-Qorti tqis illi dawn il-pagamenti ghandhom jigu allokati l-ewwel kontra l-interessi imbaghad kontra l-kapital.

Mix-xhieda li giet ipprezentata, ma jirrizultax li kien sar xi self addizzjonali lill-attur matul il-perijodu mill-1998 'il quddiem.

Illi l-bilanc tal-1 ta'Jannar 1998, li kien il-bidu tal- perijodu tal-evalwazzjoni ghall-inkarigu tal-perit komputista, jidher li ghadu ma thallasx. Ghaldaqstant, il-bilanc tal-kapital li kien ghadu dovut lill-attur fit-30 ta'Gunju 2013 kien dak ta' sebgha u tmenin elf erba’ mija disgha u sebghin u tnejn u sittin centezmu **(€87,479.62) (ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf, hames mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm 37,555))** (Ara tabella aktar ‘l fuq).

Illi l-ammont tal-imghax semplici mahdum bit-8% fis-sena, fuq il- bilanc kapitali ta' sebgha u tmenin elf erba’ mija disgha u sebghin u tnejn u sittin centezmu (€87,479.62) (ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf, hames mija u hamsa u hamsin lira Maltija **(**Lm37,555)) , mill-1 ta' Jannar 2001 sat-30 ta' Gunju 2013, huwa ta’ sebgha u tletin elf, hames mija tnejn u erbghin Lira Maltija u hamsa u sittin centezmi (LM 37,542.65) ekwivalenti ghal sebgha u tmenin elf erba’ mija u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmi (€87,450.85) Minn dan l-ammont, il-konvenut kien lahaq hallas elf liri Maltin (Lm1,000) u ghalhekk, il-bilanc tal-imghax dovut sat-30 ta' Gunju 2013 jammonta sitta u tletin elf hames mija tnejn u erbghin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (LM 36,542.65) ekwivalenti ghal hamsa u tmenin elf, mija wiehed u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmi (€85,121.48).

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-intimat izda tilqa’ il-hames eccezzjoni tieghu, tilqa’ t-talba tar-rikorrenti parzjalment fis-sens illi tikundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ sebgha u tmenin elf erba’ mija disgha u sebghin u tnejn u sittin centezmu (€87,479.62) (ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf, hames mija u hamsa u hamsin lira Maltija **(**Lm37,555)) oltre l-imghax legali bi 8% mill-**1 ta’ Jannar 2001** skond l-iskrittura privata tal-1 ta’Jannar 2001 u cioe’ sitta u tletin elf hames mija tnejn u erbghin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (LM 36,542.65) ekwivalenti ghal hamsa u tmenin elf, mija wiehed u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmi (€85,121.48).

In vista tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, il-Qorti tqis illi jkun gust illi l-ispejjez jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------